MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2012

Numru. 107/2012

IL-PULIZIJA
SPETTUR ARTHUR MERCIECA
VS
MARY GRACE ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Grace Abela, ta' 36 sena, bint Grazjo Scerri u Giorgia nee'Camilleri, imwielda Pieta' fil-25 t'Ottubru 1975, u residenti 139 Triq Bajada, Sqaq nru. 4 Zabbar u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 516975M.

Billi hija akkuzata talli matul is-sena 2011 u fix-xhur ta'qabel, gewwa Bulebel, b'diversi atti li ma gewx maghmulha b'rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, ikkommettiet serq ta'diversi oggetti

liema serq jeccedi il-Euro 232.93 izda ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bil-lok u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Fondazzjoni Inspire.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlet biex tbeghhom jew tmexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputata , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli  ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni taghha il-Qorti issib l-imputata Mary Grace Abela hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 268, 269, 270, 280 , 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata ghal-tmien xhur (8) prigunerija sospiza ghall-sentejn (2) waqt illi tordna hrug ta' *Compensation Order* f'ammont ta' erba' mija u hmistax il-Ewro (€415) li ghandhom jithallsu lil Fondazzjoni Inspire fi zmien sitt (6) xhur b'rati mensili.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputata hija *a first time offender*, l-fedina penali nadifa taghha u li rregistrat ammissjoni bikrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------